**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**-Vs-**

**MUTEZ FERJANI**
**SALAH SABAR**

**Illum, 15 ta' Diċembru 2023**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **MUTEZ FERJANI**, ta' 20 sena, ta' nazzjonalita' Libjana bin Mahmoud u Kamila, residenti 137, Triq il-Wied, Iklin, imwieled Tripoli, Libja nhar it-18 ta' Awwissu 2003, detentur tan-numru tal-Pulizija 19SS-1010, u lil **SALAH SABAR** ta' 19-il sena, ta' nazzjonalita' Sudaniża bin Salah u Jawar, residenti Gżira imwieled Darfour, Sudan nhar l-10 ta' Ottubru 2004 u detentur tan-numru tal-Pulizija 21H-045 akkużati talli:-

> Fl-14 ta' Diċembru 2023 u jew fil-jiem ta' qabel ġewwa San Ġiljan preċiżament f'St. Georges Park li tinsab Triq id-Dragunara assoċjaw ruħhom ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmlu

delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, bi ksur tal-Artikolu 48 A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ;

Fl-14 ta' Diċembru 2023 u fil-jiem ta' qabel ġewwa San Ġiljan preċiżament f'St Georges Park li tinsab Triq id-Dragunara, volontarjament ħassa, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobli għad detriment tas-sidien tal-imsemmija lukanda, bl-ammont li ma jiskorrix il-250 Ewro bi ksur tal-Aritkolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għalkemm mingħajr ħsieb li jagħmlu reat ieħor, jidħlu f'dar fejn joqgħod ħaddieħor wara li jkun ġie mwissi minnu li m'għandhomx jidħlu, jew jidħlu bil-moħbi tiegħu, jew bi skuża falza jew b'qerq ieħor, bi ksur tal-Artikolu 339(1)(o) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba li titratta lil Metuz Ferjani waħdu bħala riċediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li ġie misjub ħati b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, cioe' mill-Maġistrat Dr Josette Demicoli LL.D fid-9 ta' Ottubru 2023, liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tiġi mibdula.

Semgħet lill-imputati jwieġbu li huma ħatja tal-akkużi kollha miġjuba kontrihom u fil-kaz tal-imputat Mutez Ferjani, li huwa wkoll reċidiv;

Semgħet lill-imputati jikkonfermaw l-ammissjoni tal-ħtija rispettiva tagħhom anke wara li tathom ħin biex jirrikonsidraw din l-ammissjoni u sabiex jerġgħu jikkonsultaw mad-difensur tagħhom, kif ukoll wara li wissiethom dwar il-piena erogabbli.

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputati, fil-preżenza tal-Avukat difensur tagħhom il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibhom ħatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tagħhom u minnhom ammessi **għajr, fir-rigward tal-imputat Mutez Ferjani, tal-addebitu tar-reċidiva**. Dan qed jingħad għaliex minkejja li l-imputat Ferjani ammetta li huwa riċediv, minn eżami tal-*avviso da comparire* jirriżulta li dan l-addebitu ngħata espressament u esklussivament abbażi tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta mill-Maġistrat Josette Demicoli fid-9 ta' Ottubru 2023. Iżda minn ħarsa lejn il-fedina penali tal-imputat Mutez Ferjani jirriżulta li l-unika sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif preseduta mill-Maġistrat, illum Imħallef, Josette Demicoli, kienet erogata fid-9 ta' Ottubru 2021 u mhux fid-9 ta' Ottubru 2023. Barra dan il-fatt illi l-imsemmija sentenza - dejjem kif jirriżulta mill-fedina penali, li hi l-unika prova li ġiet akkwiżita fl-atti fir-rigward tas-sentenza ċitata in sostenn tal-addebitu tar-reċidiva - ma kkundannatx lill-imputat għal reat kriminali, iżda poġġietu taħt Ordni ta' Probation, li hija sanzjoni li tingħata "*minflok ma tingħata sentenza dwar il-ħati*" piena u għalhekk ma tistax titqies bħala kundanna għall-fini tar-reċidiva la taħt l-artikolu 49 u lanqas taħt l-artikolu 50 tal-Kap. 9.

Għaldaqstant, il-Qorti minkejja l-ammissjoni tal-ħtija serja tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-addebitu tar-reċidiva fil-konfront tal-imputat Mutez Ferjani u billi m'huwiex reċidiv fit-termini tal-artikolu 50 tal-Kap. 9 il-Qorti m'hijiex marbuta bid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28A(7)(b) tal-Kap. 9.

Għall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi, fosthom l-eta' żgħira taż-żewġ imputati li għandhom biss 20 u 19-il sena rispettivament u l-fatt illi l-ħsara li ġiet ikkaġunata minnhom jikkonsisti biss fi ħsara f'serratura ta' bieb u mis-sottomissjonjiet tal-Prosekuzzjoni jirriżulta li l-valur tal-ħsara hu negliġibbli. Qieset ukoll lill-ammissjoni bikrija tal-imputati li ammettew il-ħtija kif appena ġew mixlija quddiemha u l-fatt illi r-reati addebitati lilhom mhumiex ta' natura daqshekk gravi.

Madankollu, billi l-imputat Mutez Ferjani evidentement ma għarafx jislet il-benefiċċju tal-Ordni ta' Probation li kien inħareġ fil-konfront tiegħu sentejn ilu fuq dikjarazzjoni ta' ħtija ta' diversi kapi ta' serq u frodi u baqa' miexi fit-triq tal-kriminalita', il-Qorti m'hijiex serja tagħtih sanzjoni oħra fil-komunita' iżda sejra teroga sentenza karċerarja sospiża, iżda li toqrob lejn il-minimum, bit-tama li l-imputat jagħraf il-ħtieġa li jirriforma ruħu u jrabbi l-għaqal.

Fir-rigward tal-imputat Salah Sabar, il-Qorti hi tal-fehma illi fil-qies taċ-ċirkostanzi tal-każ, inkluża x-xorta tar-reat u l-karattru tal-ħati, ma jkunx spedjenti li twaħħal piena u sejra tpoġġih taħt ordni għal liberazzjoni kondizzjonata bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22 tal-Kap. 446.

**Għal dawn il-motivi, wara li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-addebitu tar-reċidiva fil-konfront ta' MUTEZ FERJANI u wara rat l-Artikoli 17, 48A, 325(1)(ċ) u 339(1)(o) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni qiegħda ssib lil MUTEZ FERJANI u SALAH SABAR ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom u:-**

**Tikkundanna lil MUTEZ FERJANI tliet (3) xhur priġunerija iżda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li din is-sentenza ma tidħlox fis-seħħ ħlief jekk fi żmien sena, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija;**

**Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tillibera lil SALEH SABAR bla ħsara għall-kondizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor matul perjodu ta' sentejn.**

**Billi ma nġiebet ebda prova tal-valur tal-ħsara, il-Qorti m'hijiex sejra tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali fil-konfront tal-ħati MUTEZ FERJANI jew id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15A jew l-Artikolu 532A**

**tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-ħati l-ieħor.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**